MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 1941/1997/1

**Joseph u Maria Theresa konjugi Zarb**

**v.**

**Mira Motors Sales Limited**

**Il-Qorti:**

1. F'Lulju tas-sena 1995, Joseph Zarb u Maria Theresa Zarb, (l-atturi/ appellanti), xtraw minghand Mira Motors Sales Limited (is-socjeta` konvenuta/appellata) Scania *coach* ghall-prezz ta' Lm55,000 u taht diversi

kundizzjonijiet, fosthom li l-istess coach kellha tkun skond ir-regolamenti mahruga mill-Komunita` Ewropea.

2. Fit-2 ta' Settembru 1997, l-atturi pprezentaw citazzjoni fejn allegaw illi l-imsemmija *coach* ma gietx ikkonsenjata skond kif miftiehem, u ma kenitx konformi mar-rekwiziti tal-Komunita` Ewropea. Barra minn hekk l-atturi talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili li:-

1. Tiddikjara illi l-*coach* mixtrija mill-atturi m'hijiex skond il-kwalita` patwita;

2. Tidentifika x-xogholijiet kollha li ghandhom isiru fuq il-coach sabiex dina tissodisfa r-regolamenti tal-Komunita` Ewropea, u wkoll xogholijiet ohra mehtiega minhabba xogholijiet mhux skond l-arti u s-sengha u dana okkorrendo n-nomina ta' periti teknici;

3. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta taghmel dawk ix-xogholijiet kollha identifikati fit-tieni talba fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss mill-Qorti u fin-nuqqas ta' dan, tawtorizza lill-atturi jaghmlu dawn ix-xogholijiet huma a spejjez tas-socjeta` konvenuta;

4. Tillikwida d-danni ta' l-atturi waqt li jkunu qed isiru x-xogholijiet fuq il-*coach*;

5. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' danni likwidati.

3. Is-socjeta` konvenuta kkontestat it-talbiet attrici billi eccepixxiet:-

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u konsegwentement is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-bejgh ma sarx mis-socjeta` Mira Motors Sales Ltd. izda mis-socjeta` Zammit Automobiles Ltd.;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* ta' l-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess peress illi l-azzjoni attrici hija bbazata *ai termini* ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, it-talbiet attrici huma irritwali stante illi ai termini ta' l-imsemmi Artikolu x-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob d-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti, Madankollu fil-kaz odjern, l-atturi qed jitolbu d-danni izda fl-istess waqt ma jirrifjutawx il-*coach*.

4. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, b'sentenza parzjali moghtija fit-13 ta' Lulju 2000.

5. Fis-26 ta' April 2001, dik il-Qorti tat sentenza li biha laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cahdet it-talbiet ta' l-attrici billi l-azzjoni taghhom giet dikjarata preskritta skond l-Artikolu 1407 tal-Kap. 16, u dan wara li kkunsidrat hekk:

"**<u>MERTU TAL-KAWZA ODJERNA.</u>**

"Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi qed jitolbu fost affarijiet ohra illi l-*coach* mertu ta' din il-kawza mhix skond il-kwalita` pattwita liema talba hija *ai termini* ta' l-**Artikolu 1390 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

"Is-socjeta` konvenuta permezz tat-tieni eccezzjoni taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-**Artikolu 1407 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi rrizulta illi l-*coach* mertu tal-kawza odjerna giet mibjugha fl-20 ta' Lulju 1995 u din giet ikkonsenjata fi ftit jiem, skond ix-xhieda ta' Joseph Zammit wara '*tlett ijiem, erbat ijiem ikollok il-konsenja'*. Ic-citazzjoni odjerna giet intavolata fit-2 ta' Settembru 1997. Illi l-atturi pprezentaw ittra ufficjali datata 13 ta' Frar 1997 (Dok RBF 1) u s-socjeta` konvenuta rrispndiet permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Frar, 1997.

"Illi l-punt dibattibli fis-sentenza odjerna huwa jekk it-terminu ta' sentejn stabbilit fl-**Artikolu 1407 tal-Kap 16** huwiex wiehed ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza.

Filwaqt li s-socjeta` konvenuta ssostni li dan huwa terminu ta' dekadenza; l-atturi jghidu li tali terminu huwa wiehed ta' preskrizzjoni.

"**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

"Illi **l-Artikolu 1407 (1) tal-Kap 16** jipprovdi illi:

"*L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga' lura mill-kuntratt, tintilef eghluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt".*

"Illi fis-sentenza "**Emanuel Borg vs John Xuereb"** (App Civili – 25 ta' Jannar 1989) il-Qorti meta kienet qed tikkonsidra s-sottomissjoni fuq dan l-Artikolu qalet hekk:

"*Illi anki din l-kwistjoni giet deciza diga' divesi drabi minn dawn il-Qrati fis-sens li l-perjodu stabbilit fl-imsemmi Artikolu hu perjodu ta' dekadenza bir-rizultat li jekk il-kompratur jonqos li jezercita d-dritt moghti lilu bl-**Artikolu 1390** kontra l-venditur fi zmien sentejn ma jista'x jezercita l-istess dritt 'per via di azione' u anqas 'per eccezzione' wara li jkun iddekorra dak it-terminu. Infatti kif inghad in re "**Zammit Cutajar vs Licari**" (Vol XXIX.III.137) kif fil-gurisprudenza fil-kaz ta' l-azzjoni redibitorja dejjem irriteniet li l-kumpratur ma jista'x jaghti l-eccezzjoni meta spicca z-zmien li seta' jaghmel l-azzjoni. 'L-istess kien gie deciz in re-"**Clo Mangion pro et noe vs A.M. Galea noe**" (Vol XXIV.II.629) u cioe` li 'piu` di una prescrizione costituisce una decadenza o una perenzione' u fis-sentenza l-ohra riportata fil-Vol.XXXI.I.678 in re Vincenti vs Mazzitelli u cioe` li d-dritt taht l-**Artikolu 1390** ghandu jigi ezercitat fi zmien sentejn liema perjodu hu wiehed perentorju";*

"Inoltre l-istess Qorti kompliet bil-mod li gej:

"*F'dan ir-rigward kull argument dwar interruzzjoni ta' preskrizzjoni huwa rrilevanti ghax kif gia osservat il-*

*perjodu ta' sentejn previst mill-**Artikolu 1407 (1)** tal-Kodici Civili mhux perjodu ta' preskrizzjoni izda wiehed ta' dekadenza bbazat fuq ir-ragonament spjegat fil-gurisprudenza ccitata illi galadarba l-kumpratur li jkollu lanjanza dwar il-kwalita` ta' l-oggett la jitlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt u anqas jitlob prezz inqas fi zmien sentejn ma jista'x imbaghad jippretendi dawn id-drittijiet wara"*.

"Illi applikat dan il-principju ghall-kaz *de quo* m'hemm l-ebda dubju li t-terminu ta' sentejn kontemplat fl-**Artikolu 1407 (1**) iddekorra. Irrizulta li l-*coach* giet konsenjata bejn l-20 u l-24 ta' Lulju 1995, filwaqt li c-citazzjoni odjerna giet intavolata biss fit-2 ta' Settembru 1997.

"Illi pero` jrid jigi kkunsidrat ukoll f'dan l-istadju l-argument l-iehor li qajmu l-atturi. Huma jsostnu illi l-intenzjoni tal-legislatur, kif interpretata fil-gurisprudenza nostrana, f'dan ir-rigward hija wahda cara u cioe` illi fl-interess pubbliku u l-istabbilita` fil-kummerc il-legislatur ried illi l-azzjoni kontemplata fl-**Artikolu 1390 tal-Kap 16** ghandha tkun esercitata fi zmien sentejn. Il-legislatur zgur ma kellux l-intenzjoni illi t-terminu minnu stabbilit fl-interess pubbliku jigi abbuzat ghad-dannu ta' terzi, kif qed isehh fil-kaz odjern.

"Illi l-atturi qed jargumentaw illi mill-fatti tal-kaz odjern jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta ammettiet l-ezistenza ta' difetti fil-vettura mertu ta' din il-kawza (l-ahhar ammissjoni ssir fl-20 ta' Frar 1997 a fol 68) u ghal diversi drabi ghamlet weghdiet illi kull xoghol necessarju ghar-riparazzjoni kienu ser isiru (kif fil-fatt jidher mid-dokumenti a fol 64, 65 u 68) biss dan qatt ma sehh u dejjem gie pospost b'mod illi l-atturi baqghu jistennew sakemm f'Awissu tal-1997 is-socjeta` konvenuta ddikjarat illi ma kienitx disposta tasal ghal ftehim u ghalhekk giet intavolata c-citazzjoni odjerna.

"Illi kwindi l-atturi qed jibbazaw l-argument taghhom li jekk waqt it-terminu ta' sentejn ikun hemm xi rikonoxximent da parti tal-venditur allura l-azzjoni tkun tista' tigi proposta. Illi fil-kawza "**Edward Fenech et vs Gaetano Spiteri**" (App Civili – 4 ta' Lulju 1990) il-Qorti li kellha quddiemha

azzjoni a bazi ta’ l-**Artikolu 1431** tal-Kodici Civili rriferiet ghas-sentenza “**Camilleri vs Calascione**” (Vol XXXVIII.p.III.pg723) fejn kien intqal: “*Lanqas it-trattativi li jistghu jkunu hemm bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekorrenza taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwistjoni, ma jistghu jkollhom effikacja interruttiva ammeno che bhala effett u fil-kors ta’ dawk it-trattativi u filwaqt li jkun ghaddej iz-zmien il-venditur ma jkunx irrikonoxxa, u ma jkunx ikkuntrasta l-ezistenza tal-vizzju; b’mod li, biex il-kompratur jista’ jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara d-dekors taz-zmien jehtieglu jipprova illi huwa, fiz-zmien utili, informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga u li dan, f’dan iz-zmien ipprometta li jiehu l-haga lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju”*. Dwar ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur, il-Qorti fl-istess sentenza qalet li dan “*biex jissospendi d-dekadenza, irid ikun car, formali, esplicitu, u inkondizzjonat”*.

“Illi fil-kaz odjern pero` tali rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur ma sarx bil-mod kif fuq indikat fis-sentenza. Fil-fatt mill-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet (vide fol 64 sa 68 tal-process) is-socjeta` konvenuta kienet qed tirrikonoxxi li l-klijent kien qed isib xi problemi, pero` jekk wiehed jirreferi ghall-ittra mibghuta minnha lill-attur fl-ahhar paragrafu hemm: “*We must point out that, our efforts in reaching an amicable solution, must not be interpreted as any admission of any liability on our part or on the part of Ghabbour, but as has always been our policy, we are doing out utmost to ensure client satisfaction”.* L-unika dokument hu Dok JZ8 a fol 68 tal-process li b’xi mod wiehed jista’ jghid li kien hemm xi forma ta’ rikonoxximent jew ammissjoni da parte tas-socjeta` konvenuta, peress li kien hemm “*u il-mittenti ripetutament sejjahlek sabiex tiehu l-coach ghar-riparazzjoni miftehma*”. Anzi l-allegat irrikonoxximent tal-vizzju la kien car, la formali, la esplicitu u wisq anqas inkundizzjonat. Kwindi l-argument migjub mill-atturi bl-ebda mod ma gie ppruvat, anzi jidher li dan huwa defenittivament kontradett u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi milqugha.

“**III. KONKLUZZJONI.**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi tilqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u kwindi tichad it-talbiet attrici, stante li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-**Artikolu 1407 tal-Kap 16**.

“Spejjez a karigu tal-atturi hlief ghal dawk tas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta deciza fit-13 ta’ Lulju 2000 li jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta.”

## II. L-APPELL

6. L-atturi hassewhom aggravati minn din is-sentenza u ghalhekk ipprezentaw rikors ta’ appell fl-14 ta’ Mejju 2001 quddiem dina l-Qorti. Fih huma ressqu bazikament zewg aggravji fejn sostnew:
1. illi primarjament id-decizjoni tal-Qorti dwar jekk it-terminu stabbilit fl-Artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 huwiex wiehed ta’ preskrizzjoni jew ta’ dekadenza kella tkun aktar approfondita, peress li dan huwa punt dibattibli;

2. illi minghajr pregudizzju ghal dak premess anke li kieku wiehed kellu jaqbel mal-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti illi t-terminu stabbilit fl-Artikolu 1407(1) huwa wiehed ta’ dekadenza, huwa principju stabbilit li dan huwa interrompibbli taht kundizzjonijiet partikolari.

Ghalhekk talbu li l-Qorti joghgobha tilqa’ l-appell u tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza appellata u konsegwentament tordna illi l-atti tal-kawza jigu rinvjati quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla sabiex jitkompla s-smigh tal-kawza – bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata.

7. Fir-risposta taghha tal-1 ta’ Gunju 2001, is-socjeta` konvenuta wiegbet ghall-aggravji ta’ l-appellanti u talbet li din il-Qorti tichad l-appell billi s-sentenza appellata hija

gusta u skond il-ligi u timmerita li tigi konfermata u dana ghar-ragjunijiet imfissra fl-istess risposta – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

8. Il-partijiet jaqblu li l-azzjoni odjerna ta' l-atturi hija bazata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, li jghid hekk:
"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkonsinna ma tkunx tal-kwalita` imweghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti",

Il-partijiet jaqblu wkoll li ghal din l-azzjoni tapplika d-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 1407(1) ta' l-istess Kodici:
"L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga' lura mill-kuntratt, tintilef gheluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt".

9. Bl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti qeghdin jikkontestaw il-konkluzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li ddecidiet li t-terminu stabbilit fl-imsemmi Artikolu 1407 huwa terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni. Huma qeghdin isostnu li huwa punt dibattibbli jekk dan it-terminu huwiex wiehed ta' preskrizzjoni jew dekadenza. Huma jirreferu ghan-notamenti tal-Professur Caruana Galizia u in sosten ta' din it-tezi taghhom huma jaccennaw ghas-sentenza moghtija fil-kawza Paolo Gauci v. Maria Gatt et li kienet giet deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Gunju 1939, fejn intqal li t-terminu stabbilit fl-Artikolu in kwistjoni "hu indubbjament terminu ta' preskrizzjoni".

10. Din il-Qorti ezaminat l-ahhar imsemmija sentenza li tinsab riprodotta fil-Kollezzjoni tad-Decizjonijiet fil-Volum XXX-I-376, u ghandha dubji kbar kemm l-istess sentenza tista' b'xi mod issahhah it-tezi ta' l-appellanti. In fatti, f'dik is-sentenza (li ma kenitx tikkoncerna azzjoni dwar allegazzjoni ta' bejgh ta' oggett li ma kienx tal-kwalita` pattwita) jintqal *inter alia* hekk:

"L-istess perit ikkonkluda tajjeb, in bazi ghall-awtoritajiet diversi minnu citati, illi t-terminu stabbilit fl-Artikolu 1137 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 huwa terminu ta' dekadenza, li huwa aktar serju u ta' konsegwenzi aktar serji mit-terminu ta' preskrizzjoni; in fatti dawk it-termini kontemplati f'dak l-Artikolu, fl-Artikolu 1121 u fl-Artikolu 1145 huma ta' natura wahda." (enfasi ta' din il-Qorti)

Irid jigi spjegat li l-Artikoli 1137, 1121 u 1145 ta' l-imsemmija Ordinanza VII ta' l-1868, li huma citati f'dan il-bran, jikkorrispondu rispettivament ma' l-Artikoli 1423, 1407 u 1431 tal-Kodici Civili Kap. 16 li huma vigenti llum.

11. Kuntrarjament ghal dak li qeghdin jallegaw l-atturi fl-ewwel aggravju taghhom, l-ewwel Qorti qdiet il-kompitu taghha sew meta hija kienet qeghdha tinvestiga jekk it-terminu indikat fl-Artikolu 1407 huwiex wiehed ta' dekadenza jew preskrizzjoni. Dik il-Qorti ghamlet investigazzjoni approfondita bizzejjed, iccitat gurisprudenza tat-Tribunali taghna u korrettement waslet ghad-decizjoni taghha li t-terminu in kwistjoni m'huwiex wiehed ta' preskrizzjoni izda huwa wiehed ta' dekadenza. Hekk ukoll iddecidiet din il-Qorti kif prezentament komposta fil-kawza fl-ismijiet Noel u Georgina konjugi Curmi v. Dottor Joseph Ellis et f'decizjoni moghtija fis-27 ta' Frar 2004, fejn *inter alia* intqal hekk:
"Dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li hawn si tratta ta' terminu ta' dekadenza ta' l-azzjoni u bhala tali la ghandhom jidhlu konsiderazzjonijiet dwar difetti latenti u lanqas ta' perjodi ta' sospensjoni jew interruzzjoni bhalma hu possibli f'kaz ta' termini preskrittivi li nsibu elenkati fil-Kodici Civili taghna. Fi kliem iehor ftit li xejn sewa li l-atturi qaghdu jittratienu u jiehdu z-zmien taghhom sakemm finalment ippromovew l-azzjoni taghhom, bit-tama li nel frattemp forsi jikonvincu lill-venditur li huma kellhom ragun".

F'dik is-sentenza, din il-Qorti irriferiet ghas-sentenza fl-ismijiet Emanuel Borg v. John Borg deciza fil-25 ta' Jannar 1989 mill-Qorti ta' l-Appell u li tinsab riportata fil-Kollezzjoni Volum LXXXII-II-260, u li wkoll strahet fuqha l-ewwel Onorabbli Qorti meta tat id-decizjoni li issa

qeghdha tigi appellata. Konsegwentement, m'hemmx lok li l-ewwel aggravju ta' l-appellanti jintlaqa'.

12. Bit-tieni aggravju taghhom, l-appellanti qeghdin jirritjenu li anke jekk it-terminu in kwistjoni jigi konsidrat bhala wiehed ta' dekadenza, xorta wahda tezisiti gurisprudenza tal-Qrati taghna li ppermettiet l-interruzzjoni ta' dan it-terminu meta jkunu jissustissu kundizzjonijiet partikolari. Intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Ottubru 1954 fil-kawza Camilleri v. Calascione li biex ikun hemm sospensjoni tat-terminu ta' dekadenza applikabbli fl-azzjoni redibitorja, il-bejjiegh irid jaghmel rikonoxximent tal-vizzju redibitorju, liema rikonoxximent irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat. F'dan l-aggravju taghhom l-appellanti qeghdin jissottomettu li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel valutazzjoni korretta tal-provi li kienu ghad-dispozizzjoni taghha, u waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta rriteniet hekk:
"Anzi l-allegat rikonoxximent tal-vizzju la kien car, la formali, la esplicitu u wisq anqas inkondizzjonat. Kwindi l-argument migjub mill-atturi bl-ebda mod ma gie ppruvat anzi jidher li dan huwa definittivament kontradett u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi milqughha."

13. L-appellanti qeghdin jirritjenu li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li taghmel valutazzjoni korretta tas-segwenti provi, li huma elenkaw hekk:
"Illi mad-data tal-konsenja l-atturi appellanti kienu bdew iressqu xi ilmenti dwar il-vettura in kwistjoni liema ilmenti gew rikonoxxuti mis-socjeta` konvenuta appellata fid-dokument a fol. 64 tal-process fejn intqal hekk "*Agreed today 26th July 1995 that balance of Lm2000 as per bill of exchange attached is to be paid without interest when the compaints raised by Mr. Zarb re Ghabbour Coach Chassis No.1825471, Engine No. 5115150 as per copy of note attached are fully met.*"

"Illi sussegwentement saru diversi rapprezentazzjonijiet ohra mill-atturi appellanti u f'dana ir-rigward kien hemm korrispondenza da parti tas-socjeta` konvenuta appellata

li fiha kien hemm rikonoxximent tal-vizzji indikati mill-atturi appellanti.

“Illi f’ordni kronologiku il-korrispondenza kienet is-segwenti:

“(a) ittra datata 11 ta’ Ottubru 1995 li tinsab ezebita a fol. 65 tal-process fejn is-socjeta` konvenuta appellata kitbet lill-atturi appellanti u qalet hekk “*I am pleased to inform you that Mr. Nabil Mikhail will be in Malta as from Friday October 13th in order to discuss with you any problems you might be experiencing in connection with the coach as well as to approve any rectification work necessary. You will meet him at France Garage (Kalakku), New Street off Valletta Road, Luqa ....”.*

“(b) Ittra ohra mis-socjeta` konvenuta appellata lill-atturi appellanti fit-2 ta’ April 1996 li tinsab ezebita a fol. 66 tal-process is-socjeta` konvenuta appellata qalet hekk “*We are pleased to inform you that after various representations from our part with the manufacturers of the “Ghabour Coaches”, they have agreed to appoint an independent surveyour from the U.K. to inspect the coaches sold in malta, and in particular their alledged defects and to prepare a report thereon. Ghabbour are prepared to accept all recommendations made by the surveyor provided these are acceptable to you..... We must point out that our efforts in reaching an amicable solution must not be interpreted as any admission of liability on our part or on the part of Ghabbour but as has always been our policy we are doing our utmost to ensure utmost client satisfaction.”*

“(c) Ittra ohra mis-socjeta` konvenuta appellata lill-atturi appellanti datata 18 ta’ Gunju 1996 li tinsab ezebita a fol. 67 tal-process fejn is-socjeta` konvenuta appellata qalet hekk “*We are pleased to inform you that negotiations with Ghabbour are now at an advanced stage and I will be accompanying Mr. Joe Zammit to Egypt in the first week of July with the objective to finalise the agreement with the coach manufacturers to our mutual satisfaction. We will be informing you of progress upon our return to Malta...”.*

"(d) fl-20 ta' Frar 1997 is-socjeta` konvenuta appellata pprezentat ittra ufficjali, esebita a fol. 68 tal-process, b'risposta ghall-ittra ufficjali ta' l-atturi appellanti, fejn is-socjeta` konvenuta appellata qalet hekk "*Waqt li jaghmel referenza ghall-ittra ufficjali tat-13 ta' Frar 1997 Joseph Zammit ghall-Mira Motor Sales Limited ghal darb'ohra jerga' jaghrfek illi: 1. Id-difetti minnek allegati wara il-bejgh tal-coach gia` gew identifikati minnek stess u l-mittenti ripetutatment sejjahlek sabiex tiehu l-coach ghar-riparazzjoni miftehma; 2. Il-mittent gia` ikkonsenjalek id-dokumenti u certifikati sabiex jipprova li huwa ottempra ruhu mal-kundizzjonijiet tal-bejgh tal-vettura in kwistjoni....*"

"(e) sussegwentement ghall-ittra ufficjali imsemmija fil-paragrafu precedenti saru diversi tentattivi sabiex tigi ffissata data sabiex isiru r-riparazzjonijiet necessarji biss is-socjeta` konvenuta appellata dejjem ipposponiet sakemm fl-ahhar f'Awissu ta' l-1997 informat lill-atturi appellanti illi ma kenitx ser tezegwixxi tali xogholijiet. F'dan l-istadju kull komunkazzjoni saret b'mod verbali;

"Illi fl-umli opinjoni ta' l-atturi appellanti minn dak espost hawn fuq jidher car illi r-rekwiziti stabbiliti sabiex t-terminu ta' dekadenza jigi interrott gew sodisfatti u cioe` mill-korrispondenza indikata u b'mod partikolari l-ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 1997 (fol. 68 tal-process) is-socjeta` konvenuta appellata irrikonoxxiet b'mod car, esplicitu u inkondizzjonat il-vizzji indikati mill-atturi appellanti tant illi fl-istess ittra ufficjali s-socjeta` konvenuta appellata tghid illi hija ripetutament sejhet lill-atturi appellanti sabiex tahmillhom ir-riparazzjonijiet necessarji sabiex jitrangaw il-vizzji gia` identifikati mill-atturi appellanti stess. Fir-rigward tar-rekwizit illi r-rikonoxximent ghandu jkun formali l-atturi appellanti umilment jissottomettu illi rikonoxximent tramite att gudizzjarju jissodisfa bl-aktar mod ampju dana ir-rekwizit."

14. Is-socjeta` appellata irribattiet dan l-aggravju ta' l-appellanti hekk:

“Ghall-kuntrarju ta’ dak sottomess mill-appellanti, l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet *in funditus* dwar l-aspett ta’ interruzzjoni f’kaz ta’ terminu ta’ dekadenza u rriferiet ghas-sentenza Camilleri v. Camilleri[1] (Vol. XXXVIII.III.723) fejn gie dikjarat illi sabiex rikonoxximent tal-vizzju jinterrompi t-terminu ta’ dekadenza “irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat.” Fil-korrispondenza tahha s-socjeta` appellata kienet ghamlitha cara fl-ittra taghha tat-2 ta’ April 1996 (fol. 66) illi “We must point out that our efforts in reaching an amicable solution must not be interpreted as an admission of liability on our part..........”. Minn tali ittra jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li la kien hemm rikonoxximent esplicitu u wisq anqas “inkondizzjonat”.

“Lanqas l-ittra ufficjali tal-20 ta’ Frar 1997 ma tista’ b’xi mod tigi interpretata bhala rikonoxximent “car, formali, esplicitu jew inkondizzjonat”. F’din l-ittra ufficjali ssir referenza ghall-fatt illi waqt it-trattativi l-attur kien gie mitlub jiehu l-coach ghal xi riparazzjonijiet mifthema dak iz-zmien. Bl-ebda mod ma jista’ jinghad li din l-ittra ufficjali tikkostitwixxi rikonoxximent “car, formali, esplicitu u inkondizzjonat” ta’ dak li l-appellanti qed jitolbu permezz tal-kawza odjerna. Fil-kawza odjerna l-appellanti qed isostnu li l-coach minnhom mixtrija minghand is-socjeta` konvenuta “mhix skond kif miftiehem, u cioe` li hija tadempixxi r-rekwiziti tal-Kommunita` Ewropeja u dana kif jidher minn l-anness Survey Report mahrug minn Vector Consultants Limited u wkoll minn Survey Report iehor anness mahrug minn Camilleri & Cuschieri Engineers fejn jirrizulta wkoll illi din il-coach kellh hafna nuqqasijiet ohra kawza ta’ xoghol mhux maghmul skond l-arti u s-sengha”. Is-socjeta` konvenuta la qatt accettat li l-coach ma kenitx tadempixxi r-rekwizi tal-Kommunita` Ewropeja u lanqas accettat il-kontenut taz-zewg survey reports li a bazi taghhom l-atturi pproponew il-kawza odjerna.

“Kif tajjeb irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti, il-fatt li fl-ittra ufficjali taghha s-socjeta` konvenuta irriferiet ghall-fatt li “il-mittenti ripetutament sejjahlek sabiex tiehu l-coach ghar-

[1] Recte: Camilleri v. Calascione

riparazzjonijiet mifthema" ma jikkostitwixxiex rikonoxximent car, formali, esplicitu jew inkundizzjoni. Tali rikonoxximent kien jissodisfa r-rekwiziti stabbiliti bil-gurisprudenza nostrana kieku kien hemm ammissjoni cara u inkondizzjnata dwar l-allegazzjoni ta' l-atturi li l-vettura ma tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-Unjoni Ewropeja. Kien ikun hemm ammissjoni cara u inkondizzjonata taz-zewg survey reportsipprezentati mac-citazzjoni u li jiffurmaw il-bazi ta' l-azzjoni proposta mill-atturi. Dan qatt ma sehh.

"Stabbilit illi s-socjeta` konvenuta qatt ma rrikonoxxiet dak li qed jigi premess fic-citazzjoni isegwi li t-terminu ta' dekadenza suggett ta' dan l-appell qatt ma gie interrott u konsegwentement l-azzjoni attrici hi perenta."

15. Is-sustanza ta' l-argument li fuqu l-appellanti qeghdin jibnu dana t-tieni aggravju taghhom kienet diga` tressqet minnhom quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kif jirrizulta min-nota ta' osservazzjonijiet a fol. 173 *et sequitur* tal-process. L-ewwel Qorti investigat din is-sottomissjoni ta' l-atturi fid-dawl tal-provi akkwiziti fil-process u kkonkludiet li ma setghetx taqbel ma' l-appellanti. In fatti kkonkludiet li fil-kaz odjern ir-rikonnoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur ma sarx bil-mod kif specifikat fis-sentenza imsemmija <u>Camilleri v. Calascione</u>.

16. Jidher car li b'dana l-aggravju l-appellanti qeghdin jikkontestaw l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti tal-provi li tressqu quddiemha. Issa huwa risaput illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul mill-Qorti tal-Prim Istanza. Biex tiddisturba tali apprezzament din il-Qorti trid tkun konvinta li dik il-Qorti qatt ma setghet legalment u raggjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor din il-Qorti tintervjeni biss jekk tkun tal-fehma li dak l-apprezzament huwa manifestament zbaljat, b'mod li jekk jibqa' jregi tkun sejra ssir ingustizzja manifesta lejn xi wahda mill-partijiet fil-kawza.

17. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi akkwiziti fil-process u kkonkludiet li m'huwiex il-kaz li l-appezzament

tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti jigi disturbat. Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet valutazzjoni sostanzjalment korretta tal-provi u ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni korretta li t-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni tas-sentejn *ai termini* ta' l-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili.

18. Fl-ahharnett ta' min jissenjala li fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna jidher li hemm certu konflitt dwar il-kwistjoni jekk terminu ta' dekadenza jistax jigi interrott jew le. Fuq naha wahda hemm sentenzi fosthom dawk li gew citati mill-atturi appellanti f'din il-kawza, u fuq in-naha l-ohra hemm diversi sentenzi li jistabilixxu li tali terminu ta' dekadenza huwa wiehed fatali li ma jkunx jista' jigi interrott jew sospiz. Sentenza recenti f'dan is-sens inghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2005 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Vella noe v. Anthony Migneco et noe. Hemmhekk *inter alia* intqal:
"Perjodu ta' dekadenza mhux suggett ghar-regoli ta' sospensjoni jew ta' interruzzjoni; dak it-terminu mhux prorogabbli, u l-inattivita` fil-perjodu ta' xahar irrimedjabbilment jippregudika d-drittijiet tal-kompratur. Skadut dak it-terminu, l-azzjoni mhix aktar amissibli (ara "Camilleri v. Micallef ", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998) u l-Qorti ghalhekk tista' u anzi ghandha tissolleva dan il-punt *ex officio*, (ara wkoll "Surprise Yachts Limited v. Rosso", dciza minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 2004, fejn gie osservat, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza precidenti, li ladarba t-terminu hu perentorju ta' dritt "*lanqas hi ammessa r-rinunzja ghal eccezzjoni bhal din*".

19. Din il-Qorti ma jidrilhiex li huwa mehtieg ghall-fini ta' din il-kawza li tidhol aktar fil-fond dwar il-kwistjoni jekk il-perjodu ta' dekadenza jistax jigi interrot jew le, gialadarba, fi kwalunkwe kaz, jirrizulta li fil-kaz odjern ma gewx sodisfatti r-rekwiziti specifici li gew stabbiliti fl-imsemmija sentenzi tal-Qrati taghna li jirrikonoxxu l-possibbilita` li t-terminu ta' dekadenza jigi interrot. Ghalhekk, anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellanti m'hemmx lok li jintlaqa'.

20. Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu ta' l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------